**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jonathan Ferris**
**Spt. Roderick Agius)**

**vs**

**Samvel Barsegian**

**Illum, 31 ta' Marzu, 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra;

**Samwel Barsegian** detentur ta' Passaport Franciz bin-numru 15CT19557;

**U nakkuzawh** talli f'Marzu 2016 f'dawn il-Gzejjer:

1. mingħajr awtorizzazzjoni żvela xi password jew kull mod ieħor ta' dħul, kodiċi ta' dħul jew xi tagħrif ieħor dwar kif isir id-dħul lil xi persuna mhux awtorizzata ghad dannu tas-societa Engel & Völkers/Sara Grech;

2. ħa pussess ta’ xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ jew għamel użu minnhom ghad dannu tas-societa Engel & Völkers/Sara Grech;

3. kixef xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ kemm-il darba dan ma kienx meħtieġ fil-qadi ta’ dmirijietha jew b’xi liġi oħra ghad dannu tas-societa Engel & Völkers/Sara Grech;

4. bil-ħsieb li tagħmel delitt wrejt dan il-ħsieb b’atti esterni u jagħti bidu għall-esekuzzjoni tad-delit ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħek;

Il-Qorti hija mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat rega’ afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija. Il-fedina penali tal-imputat ma gietx esebita.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 337C (f) (h) (j) u 41 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Samwel Barsegian hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u multa ta' hmistax il-elf Ewro (€15,000).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Stante li l-Prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja, tordna li l-atti jintbghatu lill-Avukat Generali fi zmien li trid il-ligi.

**(ft)Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur